C/2024/7183

26.11.2024

# Avviż għall-attenzjoni tal-persuni suġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2936, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

(C/2024/7183)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2936 ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 ([3]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista ta' persuni dežinjati fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddetermina li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 u fir-Regolament (UE) 2019/1890 jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal dawk il-persuni.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 9 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmijin hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, qabel l-1 ta' Lulju 2025, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-finijiet tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2024/2936, u l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/1890.

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47.
([2]) ĠU L, 2024/2936, 26.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2936/oj.
([3]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 3.